**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Jannar, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 50/2017 AF**

**Arkitett Raymond Vassallo personalment u fil-kwalità tieghu ta' azzjonist u/jew Direttur tas-socjetajiet Parade Limited (C-4082), Windsor Holdings Limited (C-11422), Regent Holdings Limited (C-21511), u ghal kull interess li jista' jkollha martu Mariella Vassallo anke bhala Direttrici ta' Windsor Holdings Limited**

**vs**

**Registratur tal-Qrati Civili, Dr. Jonathan De Maria, Dr. Albert Grech, Dr. Antoine Cremona, PL Gerald Bonello u ghal kull interess li jista' jkollhom Anthony u Ingrid konjugi Parlato Trigona, Arkitett William u Gabriella sive Gaby konjugi Carbonaro, Arkitett Edward u Anna konjugi Micallef, WCO Limited, TPT Limited, Parade Limited, Windsor Holdings Limited, Regent Holdings Limited u Winex Holdings Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Dan huwa rikors ta' ritassa li qed jigi mressaq ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. F'dan ir-rikors ser jigi argumentat illi:

a) Il-kawza kellha tigi ntaxxata fuq bazi ta' punt ta' ligi ghaliex it-talba principali tal-kawza kienet wahda ta' punt ta' ligi u specifikament talba taht l-Artikolu 402 tal-*Companies Act* u fil-verità ma ssemmew ebda ammonti konkreti fir-rikors promotur fuqhiex setghet tigi kkalkolata u se mai, tali ammont baqa' mhux determinat.

b) Jekk din l-Onorabbli Qorti ma jidhriliex illi l-kawza tigi ntaxxata fuq punt ta' ligi, ir-regoli li ghandhom japplikaw huma Regola 4(2) u (3) tat-Tariffa A ghaliex fil-fatt l-ammont baqa' mhux likwidat u ghalhekk mhux determinat u incert.

c) Dato ma non concesso li l-kawza kellha tigi ntaxxata fuq bazi ad valorem il-valur li fuqu giet intaxxata l-kawza giet kkalkolata skorrettament.

d) WCO Limited, Windsor Holdings Limited u TPT Limited ma messhomx gew inkluzi fit-taxxa finali ghaliex dawn gew illiberati mill-osservanza tal-gudizzju u b'sentenzi in parte moghtija fl-2011 u 2012.

e) Jekk il-Qorti tilqa' dawn l-argumenti, intaxxar tad-drittijiet tal-Avukati u l-Prokuraturi Legali jrid jirrifletti l-hsieb tal-Qorti wkoll; u li

f) Jekk il-Qorti tilqa' dawn l-argumenti, l-intaxxar tal-kawza kif hawn premess ser jibbenefika lill-konjugi intimati wkoll peress illi l-ispejjez gew allokati in kwantu nofs lilhom u nofs lir-rikorrenti u ghalhekk m'ghandhomx isibu oggezzjoni ghar-ritassa.

SFOND FATTWALI

Fil-31 ta' Awwissu 2009, ir-rikorrenti kienu ntavolaw proceduri gudizzjarji quddiem din l-Onorabbli Qorti (Rikors Numru 842/2009 JZM fl-ismijiet hawnhekk premessi), liema proceduri gew konkluzi b'decizjoni tat-30 ta' Gunju 2016.

Ir-rikors guramentat kien ippermetta li t-talba kienet wahda a tenur tal-Artikolu 402 tal-Companies Act tant illi kien fil-fatt motivat mill-konflitt ta' interess fondamentali bejn l-intimati u l-kumpanija kif ukoll l-interessi tar-rikorrenti. Fil-fatt, ir-rikorrenti ghamluha cara li qeghdin ifittxu rimedju li seta' jinkludi (izda ma kellux jigi limitat ghal) dikjarazzjoni ta' responsabbilità u kundanna konsegwenzjali ta' danni u/jew telf soffert.

Fil-fatt, it-talbiet attrici kienu:

"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli li din joghgobha:

1. Taghti dawk ir-rimedji skond ma jidhrulha xierqa u opportuni fis-sena tal-poteri taghha wiesgha ta' l-artikolu 402 tal-Companies Act;
2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qligh lill-atturi b'responsabbilità, mizura u ammont li ghandhom jigu determinati mill-Qorti;
3. Tillikwida d-danni u t-telf patrimonjali hekk kawzati;
4. Tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzati;
5. Taghti ordni u provvediment iehor li jidhrulha xierqa;
6. Taghti ordni provvizorja u immedjata li ma jsir ebda moviment ta' flus jew trasferiment ta' assi mis-socjetà; Winex Holdings Limited u Windsor Holdings Limited minghajr il-praevia awtorizzazzjoni tal-Qorti jew tad-Diretturi prezenti inkluz ir-rikorrent.

Bl-imghax u bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi."

Fis-sentenza taghha tat-30 ta' Gunju, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatament fil-konfront ta' Winex Holdings Limited u b'hekk applikat l-Artikolu 402(1) u 402(3)(a) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-istess socjetà.

Fil-bqija taghhom, il-Qorti cahdet it-talbiet rikorrenti u dan ovvjament **minghajr ma ddeterminat l-ammont ta' danni** allegati peress illi dehrilha li dawn ma kienux dovuti.

B'hekk ordnat illi l-ispejjez tal-kawza li kienu baqghu riservati ghall-gudizzju finali, jigifieri eskluz dawk l-ispejjez li già kien hemm decizjoni fuqhom permezz tal-provvedimenti tal-istess Qorti tat-30 ta' Settembru 2010 u l-10 ta' Jannar 2012, kif ukoll il-provvedimenti tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Gunju 2011, kellhom jithallsu in kwantu ghal nofs mir-rikorrenti u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-intimati konjugi Parlato Trigona, mill-intimati konjugi Carbonaro u mill-intimati konjugi Micallef.

Din is-sentenza ma gietx appellata u llum tikkostitwixxi *res judicata* bejn il-partijiet.

Ghalkemm ir-rikorrenti ghadhom ma gewx notifikati b'ebda ittra ufficjali fejn intalab hlas tat-taxxa tal-kawza msemmija; ir-rikorrent Raymond Vassallo jixtieq jikkontesta tali taxxa (hawn annessa u mmarkata bhala Dok A) u ghalhekk kellu jintavola dan ir-rikors.

**<u>RAGUNI GHAT-TALBA</u>**

***<u>Kalkolazzjoni tat-Taxxa abbazi ta' Punt ta' Ligi</u>***

Jidher mit-taxxa annessa, li d-"Dritt Registru Sentenza" gie kkalkulat *ad valorem* skond id-disposizzjoni numru 3 tat-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fuq stimi ta' danni msemmijin fir-rikors promotur, kif ukoll fuq stimi ta' danni msemmijin fl-affidavit tar-rikorrenti Vassalloipprezentati fl-atti tal-kawza.

Qabel kollox, l-esponent jirrileva li t-taxxa in kwistjoni ma kellha qatt tigi kkalkolata *ad valorem* u dana billi fl-ewwel lok, l-oggett tal-kawza kien wiehed ghal rimedju taht l-Artikolu 402 tal-Companies Act u cioè sabiex jigi determinat punt ta' ligi, li skond it-Tariffa A, ghandha tigi ntaxxata fl-ammont ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650) hekk skond Regola 4(5) tal-istess. Huwa veru, li fir-rikors promotur intalab ukoll dikjarazzjoni ta' responsabbilità ghad-danni u jew telf kkawzati, però din it-talba kienet ansilljari ghat-talba princpali, u ghalhekk ma kellhiex tigi mehuda in kunsiderazzjoni fl-intaxxar tal-kawza; dan specifikament meta l-kawza stess giet deciza fuq punt ta' ligi.

Barra minn hekk, jidher illi l-kawza kellha tigi ntaxxata abbazi ta' punt ta' ligi u mhux *ad valorem*, specifikament ghaliex, fil-fatt ebda valur cert ma nghata ghad-danni pretizi. Fil-fatt, fir-rikors promotur jintalbu danni li "jeccedu wahedhom tletin elf Ewro", "f'ammont li jeccedi l-ghaxart'elef Ewro" u "ammont ta' circa ghoxrin elf Ewro". L-esponent jissottometti bir-rispett illi valur ma jistax jigi stabbilit fuq stimi msemmijin fir-rikors promotur daqs li kieku dawk l-istimi huma stat ta' fatt.

***<u>Kalkolazzjoni tat-Taxxa skond Regola 4(2) u (3) tat-Tariffa A</u>***

Billi l-valur tad-danni baqa' mhux determinat, l-esponenti jissottometti li, jekk mhux abbazi ta' punt ta' ligi, it-taxxa kellha tigi kkalkolata abbazi ta' Regola 4(2) u (3) tat-Tariffa A li jipprovdu:

> "(2) Meta, minkejja r-regoli li hemm fis-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu, il-valur jibqa' mhux cert jew mhux likwidu, id-dritt intaxxat ghandu jkun mhux inqas minn ……………………€700"
>
> u
>
> (3) minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, l-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bhala l-valur tal-kawza u dak il-valur hu cert jew

ghandu jigi determinat skond il-ligi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu oghla mill-ammont imhallas bhala drittijiet tar-registru, r-Registratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun ghamlet il-kawza; u jekk fi tmiem il-proceduri l-valur jibqa' ma jigix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, d-drittijiet ikunu stabbiliti skond il-minimu mizjuda (€600), salv id-dritt tar-registratur li johrog taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-kaz."

B'hekk la l-valur f'dan il-kaz baqa' mhuwiex cert u zgur mhuwiex likwidu ghaliex fil-fatt il-Qorti ma llikwidat l-ebda danni, id-dritt registru sentenza kellha tigi ntaxxata fl-ammont ta' seba mitt Ewro (€700) u se mai biz-zieda ta' sitt mitt Ewro (€600) ghall-ammont globali ta' elf u tlett mitt Ewro (€1,300) li minnhom kien ga mhallas hames mija, tnejn u tmenin Ewro Ewro u erbgha u tletin centezmu, li jhalli allura bilanc ta' seba mija u sbatax-il Ewro u sitta u sittin centemzu (€717.66).

***Il-Valur li abbazi tieghu giet kkalkolata t-taxxa mhuwiex korrett***

Bla pregudizzju ghal dak suespost, l-esponenti jissottometti li anke li kieku l-kawza kellha tigi ntaxxata *ad valorem* kif fil-fatt giet intaxxata, il-valur li r-Registratur jiehu bhala l-bazi tal-kalkolazzjonijiet tieghu huwa kompletament skorrett u mhux skond il-ligi u dana billi, jidher illi r-Registratur ikkalkola l-valur in kwistjoni abbazi tat-totali tal-istimi pretizi fir-rikors promotur, u zied maghhom l-ammonti ta' danni msemmija fl-affidavit tar-rikorrent Vassallo. Din il-kalkolazzjoni mhijiex skond it-Tariffa A li tghidlek:

"3 (1) B'zieda mad-drittijet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-prezentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att iehor tal-procedura li jkun fihom talba li biha tinbeda procedura kontenzjuza f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat, u meta d-dritt tar-registru ikun jista' jigi ntaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jigi stabbilit skond il-ligi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li gejjin:

(a) Sal-ewwel €7,000, ghal kull €100 jew parti minnha ..................................€3.90

(b) Dwar kull valur 'il fuq minn €7,000 sa €10,000, ghal kull €100 jew parti minnha ..........................€2.75

(c) Dwar kull valur 'il fuq minn €10,000 sa €25,000, ghal kull €100 jew parti minnha ..........................€2.50

(d) Dwar kull valur 'il fuq minn €25,000 sa €100,000, ghal kull €100 jew parti minnha ..........................€1.90

(e) Dwar kull valur 'il fuq minn €100,000 sa €200,000 ghal kull €100 jew parti minnha ....................... ..€1.20

(f) Dwar kull valur 'il fuq minn €200,000 ghal kull €100 jew parti minnha ........................................€0.90"

B'hekk, billi d-danni li kienu pretizi mhumiex determinabbli skond il-ligi, kellhom ta' bilfors jigu determinati, ghall-inqas ghal fini tat-taxxa, skond ir-rikors promotur. U b'hekk id-danni msemmijin fl-affidavit tar-rikorrent Vassallo, qatt ma kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Dan huwa evidenti wkoll mill-fatt illi l-kliem uzat f'din ir-Regola huma opposti ghal dak uzati fit-Tariffa tal-avukati u cioè Tariffa E, fejn din tghid:

"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit."

Dan jinghad ukoll fid-decizjoni fuq talba ghar-ritassa fl-ismijiet "Arkitett Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, rikors numru 1053/2013 deciza fis-17 ta' Marzu 2014, fejn il-Qorti qalet illi:

"It-taxxa tar-Registratur trid issir fir-rigward tat-talbiet li jkunu saru fir-rikors promotur."

B'hekk jekk *dato ma non concesso*, il-kawza kellha tigi ntaxxata *ad valorem*, il-valur li kellu jittiehed in konsiderazzjoni kellha tkun ta' bilfors l-ammont ta' sebgha u disghin elf Ewro (€97,000) li huwa t-total tal-istimi ta' danni pretizi fir-rikors promotur. Ghaldaqstant, jekk id-dritt registru sentenza jigi kkalkolat fuq dan l-ammont, it-taxxa tigi elfejn u tmienja u disghin Ewro u hamsin centezmu (€2,098.50) u minn dawn ghandu jitnaqqas hames mija u tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€582.34) li gew depozitati mar-rikors promotur, li jhalli allura, elf hames mija u sittax-il Ewro u sittax-il centezmu (€1,516.16).

Dan minbarra l-fatt, illi l-esponent jibqa' jsostni li fil-fatt lanqas skond l-att innifsu ma kienu determinabbli d-danni, peress illi r-rikorrenti kienu hallew f'idejn l-Onorabbli Qorti sabiex tiddetermina d-danni hi, li jidher car mill-kliem uzat fir-rikors, fejn kull ma nghataw kienu stimi tad-danni pretizi u kif ukoll inghad fit-talbiet illi r-rikorrenti kienu qeghdin jitolbu li l-Qorti:

"tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom ikkawzaw id-danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qligh lill-atturi b'responsabbilità, mizura u ammont li ghandhom jigu determinati mill-Qorti."

Ghalhekk, l-esponent jerga' jsostni li r-regola li kellha tapplika kienet Regola 4(2) u (3).

## ***<u>WCO Limited, Windsor Holdings Limited u TPT Limited ma messhomx gew inkluzi fit-taxxa finali</u>***

WCO Limited u TPT Limited gew illiberati mill-osservanza tal-gudizzju permezz ta' sentenza in parte tal-Qorti moghtija fl-10 ta' Jannar 2012 (Dok. B anness). Da parti taghha Windsor Holdings Limited giet illiberata mill-osservanza tal-gudizzju, b'sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-24 ta' Gunju 2011 (Dok. C anness). F'dawn iz-zewg sentenzi ma giex trattat l-mertu tal-kawza izda biss l-eccezzjonijiet li tali kumpanija ma kienux il-legittimi kuntradittùri.

Skond il-*white card* tal-kalkolazzjoni tat-taxxa, ghas-sentenza in parte tat-30 ta' Settembru 2010 (Dok. D anness) u dik tal-10 ta' Jannar 2012, id-Deputat Registratur kienet digà allokat it-taxxa ghad-dritt tal-avukat fl-ammont ta' erbghin Ewro (€40) (kull sentenza). Dawn is-sentenzi in parte, peress illi lliberaw lis-socjetajiet in kwistjoni mill-osservanza tal-gudizzju, jikkostitwixxi sentenza finali fir-rigward taghhom u ghalhekk ma kien hemm ebda lok li r-Registratur izid mat-taxxa finali d-dritt tal-avukat u Prokuratur Legali ghas-sentenza finali fir-rigward ta' dawn is-socjetajiet u dan ghaliex, mis-snin 2011 u 2012 dawn is-socjetajiet ma kellhomx aktar x'jaqsmu f'din il-kawza u s-sentenza finali ma torbothomx.

B'hekk ma kien hemm ebda lok li r-Registratur jintaxxa d-dritt tal-avukat ghaz-zewg sentenzi in parte li effettivament hargu lis-socjetajiet imsemmija mill-kawza, imbaghad fl-istadju finali, u ghalhekk fi stadju fejn l-istess socjetajiet ma kellhomx x'jaqsmu u fejn ma ghamlu ebda intervent, rega' ntaxxa d-dritt tal-avukat ghal sentenza finali li ma torbotx lill-istess socjetajiet.

Bla pregudizzju ghal dak suespost, jigi rilevat illi se mai kwalunkwe taxxa tad-drittijiet tal-Avukati u Prokuraturi kellu jigi kkalkolat abbazi tar-Regola 27 tat-Tariffa E li tipprovdi:

"F'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza tal-gudizzju, jekk is-sentenza tigi moghtija fuq eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu principali tal-kawza, jinghata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull kaz iehor jinghata nofs l-imsemmi dritt."

Dan ifisser illi anke li kieku wiehed kellu jikkalkula t-taxxa *ad valorem*, fir-rigward tas-socjetajiet WCO Limited, TPT Limited u Windsor Holdings Limited, dan kellu jkun nofs kwalunkwe valur stabbilit ghad-dritt tal-avukat. Jekk wiehed jiehu l-valur stipulat mir-Registratur, allura kellu jkun nofs it-tlett elef u erba' u hamsin Ewro u erbghin centezmu (€3,054.40) li jigi allura €1,527.50. Id-dritt tal-prokuratur legali b'hekk jigi hames mija u disa' Ewro u ghaxar centezmi (€509.10).

***L-intaxxar tad-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali (Tariffa E)***

l-esponent jissottometti li, jekk din l-Onorabbli Qorti taqbel illi t-taxxa kellha tigi determinata fuq bazi ta' punt ta' ligi; dan ser ikollu wkoll konsegwenzi fuq it-taxxa tad-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali, li allura wkoll mhux suppost gew intaxxat *ad valorem* kif fil-fatt gew intaxxati, izda abbazi ta' punt ta' ligi. Dan ser ikun ifisser illi r-Regola applikabbli f'dan il-kaz kienet Regola 15 tat-Tariffa E, li tipprovdi:

"(a) ghal kull dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt …………………………… minn 23.29 sa 232.94"

B'hekk il-massimu li t-taxxa fuq id-dritt tal-avukat seta' jilhaq kien ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centezmu (€232.94), u l-massimu li t-taxxa tad-dritt tal-prokuratur legali seta' jilhaq kien ta' sebgha u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€77.65).

Dan jinghad nonostante l-fatt li fil-fatt id-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali fir-rigward ta' whud mill-intimati ga thallsu mill-esponenti lill-konsulenti legali tal-kontroparti fil-kawza principali, u dan ghaliex, l-esponent induna bid-diskrepanzi fl-applikazzjoni tar-regoli tat-taxxa wara li dawn il-hlasijet kienu digà saru u ghalhekk dawk il-hlasijiet ghandhom jigu kkonsidrati li saru bla pregudizzju ghal din l-azzjoni ta' ritassa.

***Jekk il-kawza tigi ntaxxata kif hawn fuq premess***

Finalment jinghad illi jekk il-kawza tigi ntaxxata skond kif hawn fuq premess, peress illi l-ispejjez tal-kawza gew allokati in kwantu nofs ghar-rikorrenti u nofs ghall-konjugi Carbonaro, konjugi Parlato Trigona u l-konjugi Micallef, dawn il-partijiet m'ghandhomx isibu oggezzjoni ghar-ritassa proposta u dan ghaliex tali ritassa tibbenefika lilhom ukoll.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet tar-registru fir-rigward ta' din il-kawza stante li din giet ikkalkulata fuq regola erronja jew se mai fuq valur hazin.

2. Konsegwentement thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi legali stante li giet ikkalkulata *ad valorem* meta kellha tigi kkalkolata bhala punt ta' ligi u cioè taht Regola 15 tat-Tariffa E.

3. Thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet tas-socjetajiet Windsor Holdings Limited, WCO Limited u TPT Limited stante li dawn gew illiberati mill-osservanza tal-gudizzju ferm qabel is-sentenza finali kif hawn fuq deskritt.

4. Tordna li t-taxxa tad-drittijiet surriferiti terga tinhadem mill-gdid abbazi tal-principji hawn elenkati u l-valuri hawn fuq imsemmija jew abbazi ta' kalkolu jew somma verjuri kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, b'mod konformi mal-Artikoli indikati f'dan ir-rikors kemm tat-Tariffa A kif ukoll tat-Tariffa E.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimati kollha ħlief ir-Reġistratur tal-Qrati li permezz tagħha eċċepew illi:

Din hija r-risposta tal-esponenti ghat-talba ghar-ritassar tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Palato Trigona et*", liema kawza giet deciza fit-30 ta' Gunju 2016.

Preliminarjament jinghad illi t-talba ghar-ritassa ta' l-Arkitett Vassallo et hija frivola, vessatorja u zejda u ghandha tigi michuda stante li l-punt dwar jekk il-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Palato Trigona et* li giet deciza fit-30 ta' Gunju 2016 kellhiex tigi ntaxxata *ad valorem* jew fuq punt ta' dritt gja gie ampjament

trattat minn dina l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament presjeduta fl-atti tal-kawza Rikors numru 1053/2013AE fl-ismijiet *"L-Arkitett Raymond Vassallo ID 107544 M u martu Mariella Vassallo ID 2649 (M) vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali"*.

Permezz tad-decizjoni taghha tas-17 ta' Marzu 2014 (Dok. "K1" anness) dina l-Onorabbli Qorti ddisponiet bit-talbiet tal-konjugi Vassallo hekk kif gej:-

> *"1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tar-Registratur fis-sens li r-rikorrenti kellhom iharrku bhala intimati lill-avukat u prokuratur legali ta' Windsor Holdings Limited.*
> *2. **Tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati li t-taxxa kellha ssir ad valorem**. (enfazi tal-esponenti)*
> *3. Tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-ritassa."*

Dik il-konkluzjoni li wasslet ghaliha dina l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni taghha tas-17 ta' Marzu 2014 fl-atti tal-precitat Rikors 1053/2013AE *"L-Arkitett Raymond Vassallo ID 107544 M u martu Mariella Vassallo ID 2649 (M) vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali"*, ghalkemm hija biss fir-rigward ta' dik il-parti tat-taxxa li taffettwa s-socjetà Windsor Holdings Limited u saret in segwitu ghall-estromissjoni taghha minn dik l-istess imsemmija kawza hija gusta u ben fondata fid-drtitt u tapplika ukoll ghall-kaz odjern.

Jidher li l-Perit Vassallo ma kienx kuntent b'dik id-decizjoni tas-17 ta' Marzu 2014 u minnha interpona d-debitu appell, liema appell ghadu ghadu ma giex appuntat ghas-smiegh.

Issa jidher li l-Perit Vassallo qed jipprova jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti biex terga' tesprimi ruhha fuq il-metodu gja stabbilit li a bazi tieghu jrid issir l-intaxxar tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet *"Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Palato Trigona et"*, liema kawza effettivament giet deciza fit-30 ta' Gunju 2016, izda issa b'zieda tal-premessa li skond hu japplikaw il-provvedimenti tar-Regola 4(2) u (3) tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, milli

jidher peress illi skond l-istess Perit Vassallo et "il-valur tad-danni baqa' mhux determinat".

Hija appuntu t-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kif del resto wiehed jista' jifhem anke min-nomenklatura taghha ("Drittijiet li jitħallsu rigward is-smigħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja") li jipprovdi dwar il-mod li ghandhom jigu ntaxxati d-drittijiet dovuti lir-Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-kawzi kontenzjuzi. Difatti l-artikolu 3 ta' l-istess Tariffa A ttestwalment jghid:

> *"3 (1) B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin:..."*

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-intaxxar tad-drittijiet spettanti lill-avukati u prokuraturi legali tal-kontendenti japplika t-Tariffa E.

Di fatti hija t-Tariffa E tal-istess Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tipprovdi dwar kif ghandhom jigu intaxxati d-"Drittijiet li jitħallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi "*ex officio*"".

L-artikolu 13 ta' l-istess Tariffa E tal-istess Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta testwalment jghid:

**13.** Għal kull sentenza definittiva:

| | | |
|---|---|---|
| (i) | dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ........................................ | €46.59 bħala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-ogħla |
| (ii) | dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 għal kull €232.94 .................................... | €6.99 |
| (iii) | dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 għal kull €232.94 ..... | 2.33 |

Iżda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (*b*) tat-Tariffa A, għandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu iffissat bil-liġi għall-penali ikkontemplata fiha.

Ta' iktar importanza huwa l-artikolu 14 ta' l-istess Tariffa E tal-istess Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan testwalment jghid:

**14.** Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.

Ghalhekk nonostante dak kollu li jghid r-rikorrent Perit Vassallo et, meta' jigi biex jintaxxa kawza, r-Registratur huwa obbligat li jsegwi r-regolamenti citati f'dawn l-artikoli hekk kif del resto huwa obbligat jsegwi r-regolamenti l-ohra citati fit-Tariffi fl-istess skeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Fil-fatt, ghalkemm il-Perit Vassallo qed jipprova jevita intaxxar ad valorem tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Palato Trigona et*", liema kawza effettivament giet deciza fit-30 ta' Gunju 2016, jghid x'jghid, l-intensjoni tal-legislatur tant hija cara li kull kawza ghandha tigi ntaxxata ad valorem li l-artikolu 4(1)(f) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 jghid:

> "4 (1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx ċert jew likwidu, u ma jistgħux jiġu intaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3, il-valur tat-talba jiġi intaxxat skont ir-regoli li ġejjin: ...

...

(f) F'każi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna oħra, liema dritt wieħed għandu raġonevolment jassumi li jiġi segwit minn likwidazzjoni tal-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx ġiet mitluba fit-talba, l-attur għandu, flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti dikjarazzjoni maħlufa li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur."

Flimkien mal-prezenti risposta s-socjetà esponenti qeghda tipprezenta kopja tar-Rikors promotur tal-proceduri mertu tat-taxxa *de quo* (Dok. "K2"), cioè tar-Rikors numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*", liema kawza effettivament giet deciza fit-30 ta' Gunju 2016. Minn dan id-dokument jirrizulta lampanti (vide fol. 2 ta' l-istess il-figuri li huma kollha highlighted bil-kulur isfar) li l-Arkitett Vassallo *et* qed jirriklamaw danni li meta dawn jigu mizjuda flimkien iwasslu ghall-valur komplessiv ta' sebgha u disghin elf Ewro (€97,000). Dawn id-danni huma kollha elenkati taht l-intestatura "ld-danni reklamati mill-esponenti", u hemm il-Perit Vassallo testwalment jiddikjara:

*"4. ILLI d-danni u l-perditi reklamati huma:*

*(i) danni bhala penali u multi imposti mill-awtoritajiiet inkluzi r-Registratur tal-Kumpanniji, li jeccedu wahedhom tletin elf (Euro € 30,000);*

*(ii) f'kaz ta' porterage dues fil-partijiet komuni ta' Regent House, nuqqas ta' sebgha u tletin elef Euro (€37,000) li ma ngabrux minn ghand il-familja Ripard ghal nuqqasijiet attribwibbli lill-intimati;*

*(iii) fil-kaz tal-porterage dues tal-parkegg ta' Tigné Place, fammont li jeccedi l-ghaxart elef Euro (€10,000)*

*minhabba li l-kontijiet relativi ntbaghtu f'xi kazi anke sitt snin tard u dan ghal nuqqasijiet attribbwibbli lill-intimati;*

*(iv) ammont ta' circa ghoxrin elf euro (€20,000) dovuti lil Windsor Holdings Limited mill-intimati Micallef li b'kolluzjoni mal-intimati l-ohra, baqghu ma ngabrux."*

Mill-istess kopja tar-Rikors (Dok. "K2"), promotur tal-proceduri mertu tat-taxxa *de quo*, senjatament a fol. 8 ta' l-istess jirrizulta li t-talba numru 4 ta' l-istess hija appuntu sabiex dina l-Onorabbli Qorti "tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzati".

Issa l-Perit Vassallo jiddikjara li jekk mhux abbazi ta' punt ta' ligi, it-taxxa rigwardanti l-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Palato Trigona et*" kellha tigi kkalkolata abbazi tar-Regola 4(2) u (3) tat-Tariffa "A" ta' l-istess Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jista' jkun li l-Perit Vassallo nesa' li zmien ilu, senjatament fil-31 ta' Awwissu, 2009, dak li hu stess kien iddikjara meta hu kkwantifika d-danni u l-perditi minnu reklamati fl-istess Rikors promotur ta' dawk il-proceduri, izda din mhijiex skuza biex hu jissottometti l-intimati odjerni kollha ghal din il-procedura ta' ritassa, wara kollox, hekk kif intqal aktar 'il fuq, l-artikolu 3 ta' l-istess Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili testwalment jghid li d-dritt jigi stabbilit fuq il-valur "*jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu*". Jidher car li hekk sehh fil-kaz odjern.

Hawn jirrizulta li kien il-Perit Vassallo stess li stabilixxa l-valur minimu tal-kawza tieghu ghall-finijiet ta' tassazzjoni b'dik il-precitata dikjarazzjoni tieghu tad-danni u l-perditi minnu reklamati f'dik il-kawza.

Il-precitata somma komplessiva ta' €97,000 kwantifikata mill-Perit Vassallo et bhala d-danni u l-perditi minnu reklamati fl-istess Rikors promotur ta' dawk il-proceduri hija ukoll riflessjoni tal-pretensjoni dikjarata bil-gurament fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1384/2009 (Dok. "K4" anness) fejn il-Perit

Vassallo u martu ssekwestraw s-somma ta' mitt elf euro (€100,000) li skondhom kienu "*danni prezenti u futuri kkalkolati ai fini ta' dan il-mandat naxxenti minn malgestjoni u abbuz flagranti, kunflitt ta' interess tad-doveri ta' diretturi fit-termini tal-Companies Act*". Dan jkompli jikkonferma kemm l-ghan tal-Perit Vassallo et kien proprju li fil-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" jigi likwidat ammont u li l-esponenti jigu kkundannati jhallsuh dak l-ammont. Kif jista' allura llum, il-Perit Vassallo, minghajr ebda misthija jippretendi li l-imsemmija kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" tigi ntaxxata abbazi ta' punt ta' ligi??!!

Aktar minn hekk, jidher bic-car li l-Perit Vassallo ma baqax jaqra l-artikolu 4(3) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12; dan jghid:

> "*(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ.*"

Jirrizulta mir-rikors promotur tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*", liema kawza effettivament giet deciza fit-30 ta' Gunju 2016 li t-talba ghall-likwidazzjoni tad-danni kontenuta fl-istess rikors promotur (vide l-anness Dok. "K2") tal-proceduri mertu tat-taxxa *de quo* kienet diretta lejn il-konvenuti **<u>kollha</u>** , fil-fatt it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet rikorrenti fir-rikors promotur tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett*

*Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et"* testwalment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

> *"2. tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qligh lill-atturi b'responsabilità, mizura u ammont li ghandhom jigi determinata mill-Qorti;*
> *3. tillikwida d-danni u t-telf patrimonjali hekk kawzati;*
> *4. tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzati."*

Anke minn harsa lejn id-dokument pprezentat mill-Perit Vassallo flimkien mar-rikors tieghu tas-16 ta' Jannar 2017, promotur tal-procedura odjerna jirrizulta bl-aktar mod car li r-Registratur wettaq l-oneri tieghu skond il-ligi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-intaxxar tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" u fil-fatt hares lejn kemm l-ammonti originali riklamati mill-Perit Vassallo kif ukoll l-ammonti addizzjonali li l-Perit Vassallo talab li jigu likwidati a favur tieghu.

Fil-fatt dina l-Onorabbli Qorti, a fol. 75 tas-sentenza finali taghha tat-30 ta' Gunju 2016 (Dok. "K3") moghtija fl-atti tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Palato Trigona et*" dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta tghid:

> *"Ir-rikorrenti talbu wkoll li jigi dikjarat li l-intimati jew min minhom ikkawzaw danni jew telf patrimonjali inkluz telf ta` qligh lill-atturi, kif ukoll talba ghal likwidazzjoni ta` tali danni u telf patrimonjali kif ukoll kundanna lill-intimati biex ihallsu tali danni. Bhala danni, fir-rikors promotur, irrikorrenti jaghmlu referenza ghal (i) EUR30,000 bhala penali tal-MFSA li gew imposti fuq id-diversi socjetajiet; (ii) EUR 37,000 bhala porterage ta` Regent House li baqa` mhux migbur; (iii) EUR 10,000 bhala porterage tal-parkegg ta` Tigne Place u (iv) EUR 20,000 kera pagabbli minn Edward Micallef lil Windsor Holdings Limited."*

A fol. 76 tas-sentenza finali taghha tat-30 ta' Gunju 2016 (Dok. "K3") moghtija fl-atti tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta tghid:

> *"Fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors, Raymond Vassallo pprezenta wkoll addendum ma' l-affidavit tieghu a fol 472 fejn apparti 'l fuq imsemmija danni, huwa ghamel referenza ghal danni ohra li huma (i) hlasijiet abuzivi li saru lil Carbonaro u Parlato Tigona ammontanti ghal EUR 20,000; (ii) kreditu ta' Winex mhux saldat ammontanti ghal EUR 15,000; (iii) rifuzjoni ta' zieda fis-salarju ta' Parlato Trigona ammontanti ta' EUR 42,000 u (iv) rifuzjoni ta' kera mhallsa lil WCO ammontanti ghal EUR 5,040. Dwar it-talba ghal rifuzjoni ta' kera mhallsa lil WCO Limited hawn enumerate bhala (iv), din il-Qorti già ppronunzjat ruhha li ma tarax li kien ilment fondat ai termini ta' l-artikolu 402 tal-Kap 386 u ghalhekk sejra tiskarta tali talba. L-istess jinghad dwar it-talba ghal rifuzjoni ta' zieda fis-salarju ta' Parlato Trigona (hawn enmerata bhala (iii)) stante li din il-Qorti ukoll iddecidiet li dak li gie rapportat fid-decizjoni approvata kien gie sodisfatt."*

Minn hawn jirrizulta bl-aktar mod car li l-valur komplessiv tad-danni jew telf patrimonjali li l-Perit Vassallo et kien qed jesigi li jigi kanonnizzat a favur tieghu kien dak komplessiv ta' mija u disa' u sebghin elf u erbghin euro (€179,040.00).

Dan inghad, l-esponenti ma jistghux jifhmu kif illum il-gurnata jigi l-Arkitett Vassallo u jippretendi li d-drittijiet tar-Registru u tal-Avukati u tal-Prokuraturi Legali jigu intaxxati fuq bazi ta' punt ta' ligi jew valur ta' danni li baqa' mhux determinat jew fuq valur ta' danni limitat wara li ilhom sa mill-31 ta' Awwissu 2009 jgibu provi u jghamlu sottomissjonijiet fuq dawn id-danni KOLLHA!

Tant hi lampanti li t-talba tal-Arkitett Vassallo et kontenuta fir-Rikors promotur tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et"

kienet biex dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenuti hemm citati biex jhallsu danni hija wahda facilment kwantifikabbli fi flus (kif del resto jirrizulta mid-dokument intitolat "*Justice Efees | Case Taxation*" li gie esibit mill-Perit Vassallo et flimkien mar-Rikors promotur tieghu tas-16 ta' Jannar 2017 u li qieghed hemm mmarkat bhala Dok. "D") u huwa proprju ghalhekk ir-Registratur tal-Qrati kien ben gustifikat li jintaxxa il-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Parlato Trigona et*" fuq bazi ta' *ad valorem* skond il-provvedimenti legali precitati.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-allegazzjoni tal-Perit Vassallo li d-drittijiet u l-ispejjez relatati mal-kumpanniji WCO Limited u TPT Limited (wara li dawn iz-zewg kumpanniji kienu gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju) m'ghandhomx jkunu fuq it-taxxa mertu ta' din il-procedura jidher li l-intaxxar tad-drittijiet u spejjez taghhom digà sar u fil-fatt digà hemm pendent l-appell in segwitu ghall-kawza ta' ritassa, Rikors numru 1053/2013AE fl-ismijiet "*L-Arkitett Raymond Vassallo ID 107544 M u martu Mariella Vassallo ID 2649 (M) vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali*". Ghalhekk jista' jkun ghaqli li l-kolonna rigwardanti s-socjetà Windsor Holdings Limited (stante li gja' tezisti taxxa fir-rigward) tigi mhassra minn fuq it-taxxa annessa mar-rikors promotur tal-Perit Vassallo et tas-16 ta' Jannar 2017 u li hija hemm immarkata bhala Dok. "A" stante li diga' tezisti taxxa fir-rigward (hekk kif imsemmi fil-precitat Rikors numru 1053/2013AE) u kif ukoll li l-kolonni li jirrigwardaw iz-zewg kumpanniji WCO Limited u TPT Limited jigu mhassra minn fuq it-taxxa annessa mar-rikors promotur tal-Perit Vassallo et tas-16 ta' Jannar 2017 u li hija hemm immarkata bhala Dok. "A" u jsiru fuq dokumenti ossia taxxi separati fejn jigu applikati l-provvedimenti tal-paragrafi 13 u 27 tat-Tariffa E tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan però huwa biss ezercizzju amministrattiv u ma jaffettwax il-validità u l-kontenut tal-kumplamant tal-kolonni fuq it-taxxa annessa mar-rikors promotur tal-Perit Vassallo et tas-16 ta' Jannar 2017 u li hija hemm immarkata bhala Dok. "A", cioè il-kolonni rigwardanti l-Perit William Carbonaro et, Anthony Parlato Trigona et, Winex Holdings Ltd, Windsor Holdings Ltd u Parade Limited u kif ukoll il-kolonna tal-atturi vis-à-vis l-istess precitati

konvenuti, liema kolonni, ghar-ragunijiet hawn premessi ghandhom jibghu fermi, vaildi u illezi.

Ghaldaqstant, salv dak hawn fuq inghad in konnessjoni mat-taxxi relatati mal-kumpanniji WCO Limited u TPT Limited, bir-rispett kollu d-drittijiet u l-ispejjez a favur tas-socjetajiet esponenti u tal-avukati u prokuraturi legali esponenti ghandhom jigu mahduma *ad valorem* u dan fuq il-valur komplessiva ta' mija u disa' u sebghin elf u erbghin euro (€179,040) hekk kif jirrizulta minn fol. 75 u fol. 76 tas-sentenza finali tat-30 ta' Gunju 2016 (Dok. "K2") moghtija minn dina l-Ononrabbli Qorti fl-atti tal-kawza numru 842/2009 JZM fl-ismijiet "*Arkitett Raymond Vassallo et vs Anthony Palato Trigona et*", u li huma indikati mill-Arkitett Vassallo et fir-Rikors promotur tal-proceduri mertu tat-taxxa *de quo* (Dok. "A") u mill-addendum ma' l-affidavit ta' l-istess Perit Raymond Vassallo li qieghed a fol. 472 tal-process tal-precitata kawza numru 842/2009 JZM.

Salv kull dritt iehor spettanti lill-esponenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 maghmula mill-attur tal-kawza bin-numru 842/2009JZM fl-ismijiet Arkitett Raymond Vassallo pro et noe vs Anthony Parlato Trigona et u l-eccipjenti jissottometti illi t-talbiet attrici odjerni huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti *inter alia* minhabba dawn ir-ragunijiet.

L-esponenti jibda billi jaghmel referenza ghal-lanjanza tar-rikorrent fejn qed jilmenta li l-kawza kellha tigi ntaxxata bhala punt ta' ligi peress li hija msejsa fuq l-Art. 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386), u jirrileva li kif qed jghid ben tajjeb ir-rikorrent, l-ewwel talba hekk hi u fil-fatt hekk giet intaxxata bhala punt ta' ligi.

Però apparti l-ewwel talba tar-rikorrenti Vassallo ghamel diversi talbiet ohra fil-kawza sudetta, fosthom l-kundanna tar-responsabilità, il-likwidazzjoni ta' danni u kundanna ghal hlas ta' tali danni il che jimporta illi dawn it-talbiet iridu jigu ntaxxati *ad valorem* skond il-Ligi.

Fir-rikors promotur tieghu, r-rikorrenti jsostni wkoll illi ebda valur ta' danni ma gie determinat mill-Qorti peress li ma kienux dovuti u ghalhekk jghid ukoll li l-kawza ma kellhiex tigi ntaxxata ad valorem. L-esponenti ma jaqbilx ma dan ir-ragunament u dan kif ser jispjega aktar 'l isfel f'din ir-risposta.

It-taxxa tinhadem skond it-talbiet maghmula fir-rikors guramentat u dan indipendentement minn jekk it-talbiet dedotti jigux milqugha jew le. Il-gurisprudenza nostrana hija cara in materja u tghid illi "It-tassazzjoni tal-kawzi ghandha tigi regolata mid-domanda jew talba" (Av. Leslie Grech noe vs Frank Abela et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Jannar 2002).

Jinghad ukoll illi "f'kawza fejn tigi mitluba dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghal danni sofferti mill-attur, li ghandhom jigu likwidati fl-istess kawza jew gudizzjarju separat, illi t-tassazzjoni ghandha tigi regolata mit-talba jista' jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir "ad valorem", u mhux bhala semplici artikolu jew dikjarazzjoni". (Carmelo Axiak vs Av Dr Giuseppe Vella noe et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951).

Dawn it-talbiet jesigu li tali kawzi jkunu taxxabbli ad valorem skond il-para. 3 tat-Tariffa A u l-para. 14 tat-Tariffa E annessi mal-Kap. 12.

Issa huwa car li l-att promotur kif ukoll is-sentenza finali tal-kawza mertu ta' din ir-ritassa jaghmlu accenn ghal valuri li jistghu jigu stabbiliti skond kif tghid l-istess Tariffa A u cioè "skond il-ligi jew mill-att innifsu".

Mis-suespost jemergi illi l-esponenti kien korrett meta, ghal finijiet ta' intaxxar tad-dritt dovut lir-Registru, ha bhala bazi l-valuri indikati fis-sentenza finali tal-process li tieghu qed tintalab ir-ritassa.

Kif già inghad la darba kien hemm it-talba ghal likwidazzjoni ta' danni, l-esponent hadem it-taxxa ukoll skond l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 fir-rigward tad-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali li tghid illi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit" (enfasi mizjud).

Meta r-rikorrenti qed jghid li huwa fir-rikors promotur l-ammonti li ndika bhala danni ma kienux ammonti certi imma kienu circa u ghaldaqstant ma setghetx tinhadem taxxa fuq valuri li kienu biss stimi, l-esponent jissottometti, li fil-fatt, it-taxxa ma nhadmitx fuq dawk l-ammonti imsemmija fir-rikors promotur izda inhadet fuq l-ammonti li gew imsemmija fis-sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju 2016 minn din il-Qorti diversament presjeduta li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. REG 1.

Il-fatt illi t-taxxa kellha tinhadem *ad valorem* huwa punt li gja gie trattat u deciz minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza l-Arkitett Raymond Vassallo et vs Windsor Holdings Ltd et (Rik Nru 1053/13 AE) deciza 17 ta' Marzu 2014 li ghalkemm tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell ad istanza tal-istess Perit Vassallo li kontra tieghu giet deciza l-istess kawza, il-principji enuncjati fl-istess sentenza japplikaw *mutatis mutandis* ghal kaz odjern u huma tali enuncjazzjonijiet li ghandhom jipprevalu u huma applikabbli u skond il-ligi.

Ir-rikorrenti jaghmel accenn ghall-para. 4(2) u (3) tat-Tariffa A tal-Kap. 12. Dan il-paragrafu jghid li meta l-valur f'kawza ma jkunx dikjarat u lanqas ma jkun determinat mill-partijiet u lanqas sahansitra mill-Qorti, r-Registratur f'kazijiet bhal dawn jibghat ittra lill-Avukati u lill-partijiet involuti fil-kawza fejn jinfurmahom li fi zmien stabbilit fl-ittra ghandhom jipprezentaw

nota konguntiva ffirmata mill-avukati u l-partijiet fejn jiddikjaraw x'kienu qeghdin jippretendu bhala danni. F'din l-istess ittra ikollhom wkoll l-avviz li jekk saz-zmien stabbilit f'din l-ittra ma tigix ipprezentata nota bil-valur, jizdied sitt mitt ewro (€600) mad-dritt tar-registru bhala taxxa addizzjonali talli ma jkunux qablu fuq l-ammont.

Dan il-paragrafu però ma japplikax ghal kaz *de quo*. Huwa car, fil-kaz odjern, illi l-valur huwa determinabbli mill-process, u ghalhekk id-drittijet tar-Registru nhadmu *ad valorem* fuq il-valuri indikati a fol. 75 u 76 tas-sentenza.

Ir-rikorrenti jilmenta wkoll li din il-kawza kellha tigi ntaxxata skond il-para. 15 tat-Tariffa E u cioè sa massimu ta' €232.94 fir-rigward tad-dritt tal-avukat, peress li din il-kawza kienet tirrigwarda punt ta' ligi. F'dan il-kaz, anke jekk din il-Qorti kellha tiddeciedi li r-rikorrenti ghandu ragun, u din il-kawza kellha tigi ntaxxata bhala punt ta' ligi, il-massimu ta' €232.94 hija ghal kull talba maghmula u ghaldaqstant f'din il-kawza kien hemm sitt talbiet. Ghalhekk il-massimu ta' €232.94 tista' tinghata ghal kull talba hemm imsemmija u mhux kif qed jghid ir-rikorrenti li l-massimu taxxabbli ghal kawza kollha huwa ta' €232.94.

Dan il-paragrafu (15) gie fil-fatt applikat fil-hames talbiet l-ohra u r-registratur uza d-diskrezzjoni tieghu billi ntaxxahom kif stipulat fl-istess paragrafu bejn €23.29 u €232.94.

Meta r-rikorrenti jsemmi lil WCO Limited, Windsor Holdings Limited u TPT Limited kellhom jigu ntaxxati b'nofs id-dritt peress illi gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, dan huwa minnu. Li gara f'dan il-kaz kien li bi zvista r-registratur ma ndikax id-dritt tal-avukati ta' dawn il-partijiet hekk liberati, fuq il-qoxra tal-process. Però, bl-ebda mod dan id-dritt ma jbiddel jew ihassar xi haga mill-principji li fuqhom it-taxxa finali giet mahduma. Il-principji tat-taxxa finali kif mahduma huma korretti u jimmeritaw konferma.

Dan huwa biss zball amministrattiv u kieku r-rikorrenti avvicina lill-esponenti kienet tigi evitata din il-kwistjoni ghaliex kif stabbilit fis-sentenza "Aldo Laferla et vs Francis Scicluna et"

(Qorti tal-Appell, 29 ta' Mejju 1998) ir-Registratur jista' jemenda taxxa fejn dan jirrizultalu li huwa gustifikat:

"Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti ma tara xejn inkongruwu jew legalment jistona fil-fatt li r-Registratur, rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn jirrizultalu li d-drittijiet li hu kien illikwida ma kienux dawk korretti minn rajh u ghax hekk jidhirlu xieraq, jemenda t-taxxa minnu erronjament rilaxxjata biex tkun konformi mad-dettami tal-ligi u t-tariffa".

F'dan ir-rigward, l-esponenti kull ma jrid jaghmel hu li jiddividi d-dritt tal-avukat bin-nofs fir-rigward tal-partijiet li gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, però huwa m'ghandux ibati l-ispejjez ghaliex kif gjà inghad hawn fuq din il-kwestjoni setghet giet evitata. Ghal dan jirrimetti ruhu ghal dak li tiddeciedi din l-Onorabbli Qorti.

Dan kollu jwassal ghal konkluzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti kif esposti fir-rikors promotur tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokument anness.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u tal-intimati kollha ħlief id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni għal ritassa. Ir-rikorrenti qegħdin jattakkaw t-taxxa finali maħruġa mir-Reġistratur intimat fil-kawża fl-ismijiet Arkitett Raymond Vassallo pro et noe et vs Anthony Parlato Trigona et (842/2009 JZM) deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ġunju 2016.

Dan għaliex skont ir-rikorrenti i) it-taxxa relattiva kellha tinħadem abbażi ta' punt ta' liġi jew fl-agħar ipoteżi għalihom skont ir-regoli 4(2) u (3) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; ii) il-valur li abbażi tiegħu nħadmet it-taxxa mhuwiex korrett; u iii) li l-intimati WCO Limited, Windsor Holdings Limited u TPT Limited ma messhomx ġew inklużi fit-taxxa finali.

In linea ta' prinċipju ġenerali, fil-kawża fl-ismijiet Speranza Gatt et vs Avukat Dottor Albert Libreri et, tat-18 ta' Frar 2010, intqal hekk dwar din ix-xorta ta' azzjoni:

> "*Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss;*
>
> *Illi huwa f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Huwa għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa bħal dik tista' tkun attakkata. Bħalma jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħrajn, huwa meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak;*
>
> *Illi għalhekk, il-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna*

*lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni. Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid."*

Ir-rikorrenti jilmentaw illi kemm id-dritt intaxxat favur ir-Reġistratur intimat kif ukoll dak intaxxat fuq is-sentenza finali favur l-avukati u prokuraturi legali tal-partijiet kellu fil-fatt jiġi ntaxxat bħala punt ta' liġi u mhux *ad valorem*. Dan peress illi skont ir-rikorrenti, il-kawża kienet waħda għal rimedju taħt l-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji, filwaqt li t-talba għal responsabbiltà u likwidazzjoni ta' danni kienet biss waħda anċillari għat-talba prinċipali.

Mill-atti jirriżulta li t-talbiet tar-rikorrenti fil-kawża 842/2009 JZM kienu dawn:

1. *"taghti dawk ir-rimedji skond ma jidhrulha xierqa u opportuni fis-sens tal-poteri taghha wiesgha ta' l-artikolu 402 tal-Companies Act;*

2. *tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta' qligh lill-atturi b`responsabilità, misura u ammont li ghandhom jigu determinati mill-Qorti;*

3. *tillikwida d-danni u t-telf patrimonjali hekk kawzati;*

4. *tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzati;*

5. *taghti ordni u provvediment iehor li jidhrulha xierqa;*

6. *taghti ordni provvizorja u immedjata li ma jsir ebda moviment ta` flus jew trasferiment ta' assi mis-socjetà Winex Holdings Limited u Windsor Holdings Limited minghajr il-previa awtorizzazzjoni tal-Qorti jew tad-Diretturi prezenti inkluz ir-rikorrent.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez u bir-riserva ta` kull dritt u azzjoni fil-Ligi."*

Dan wara li r-rikorrenti premettew fir-rikors tagħhom li:

*"...d-danni u l-perditi reklamati huma:*

i. *danni bhala penali u multi imposti mill-awtoritajiet inkluzi r-Registratur tal-Kumpanniji, li jeccedu wahedhom tletin elf Euro (€30,000);*

ii. *f'kaz ta' porterage dues fil-partijiet komuni ta' Regent House, nuqqas ta' sebgha u tletin elf Euro (€37,000) li ma ngabrux minn ghand il-familja Ripard ghal nuqqasijiet attribwibbli lill-intimati;*

iii. *fil-kaz tal-porterage dues tal-parkegg ta' Tigné Place, f'ammont li jeccedi l-ghaxart elef Euro (€10,000) minhabba li l-kontijiet relattivi ntbaghtu f'xi kazi anke sitt snin tard u dan ghal nuqqasijiet attribbwibbli lill-intimati;*

iv. *ammont ta' cirka ghoxrin elf Euro (€20,000) dovuti lil Windsor Holdings Limited mill-intimati Micallef li b'kolluzjoni ma' l-intimati l-ohra, baqghu ma ngabrux.'*

Il-paragrafu 3 tat-Tariffa A jirregola d-dritt *ad valorem* li għandu jiġi ntaxxat favur ir-Reġistratur intimat, u ċioè:

*"B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prim Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu..."*

Il-paragrafu 13 tat-Tariffa E jirregola d-dritt li għandu jiġi ntaxxat *ad valorem* fuq is-sentenza finali favur l-avukati tal-partijiet meta l-kawża tkun dwar somma flus. Il-paragrafu ta' wara jgħid illi meta d-deċiżjoni tkun dwar punt ta' fatt jew ta' liġi imma jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattiv għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13. A tenur tal-paragrafu 40, il-prokuraturi legali huma intitolati għal terz tad-dritt stabbilit fit-Tariffa għall-avukati.

Da parti tagħhom, l-intimati jirribattu dan l-argument tar-rikorrenti billi jeċċepixxu li l-kwistjoni dwar jekk il-kawża 842/2009 JZM kellhiex tiġi ntaxxata fuq punt ta' dritt jew *ad valorem* ġiet ampjament trattata u deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċeduri ta' ritassa fl-istess ismijiet (rikors numru 1053/2013 AE), deċiża fis-17 ta' Marzu 2014, liema proċeduri kienu ġew inizjati mir-rikorrenti sabiex jattakkaw it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur intimat wara li fil-proċeduri 842/2009 JZM Windsor Holdings Limited kienet ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti. Id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta, sa fejn kienet tirrigwarda l-punt dwar jekk it-taxxa relattiva kellhiex tinħadem fuq punt ta' dritt jew *ad valorem* ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha riċenti tal-31 ta' Mejju 2019 fejn intqal hekk:

> "*Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ladarba l-valur tad-danni reklamati mill-appellanti jirrizultaw daqstant cari mir-rikors promotur fil-kawza 842/2009, fil-fehma ta din il-Qorti, ghamel sew id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali li hadem it-taxxa ad valorem peress li l-pretensjoniet tal-appellanti f'dawk il-proceduri jirrizultaw mit-talbiet taghhom fl-istess kawza. Kwindi huma l-paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa E, li japplikaw ghall-kaz in ezami u mhux il-paragrafu 15, kif jikkontendu l-appellanti.*"

Fil-każ in ezami, minkejja dak li jsostnu r-rikorrenti, huwa ċar illi l-valur seta' jiġi ntaxxat mill-att innifsu kif titlob it-Tariffa. Jidher għalhekk li l-kontroversja dwar jekk it-taxxa tal-proċeduri 842/2009 kellhiex tinħadem abbażi ta' punt ta' dritt jew *ad valorem* hija llum sorvolata u din il-Qorti ma ssib l-ebda

raġuni għalfejn għandha titbiegħed mill-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell, li tapplika bi sħiħ ukoll għall-intaxxar tad-dritt *ad valorem* favur l-avukati u l-prokuraturi legali tal-partijiet, salv dak li ser jintqal aktar 'l quddiem f'din id-deċiżjoni.

Għar-raġunijiet imfissra tant tajjeb mill-Qorti tal-Appell, din il-Qorti ser tkompli billi żżid tgħid li lanqas huwa l-każ illi t-taxxa kellha tinħadem abbażi ta-regola 4(2) tat-Tariffa għaliex mhuwiex il-każ li l-valur baqa' inċert jew mhux likwidu u wisq anqas huwa l-każ li l-valur baqa' ma ġiex iddikjarat jew determinat kif irid il-paragrafu 4(3).

Ir-rikorrenti imbagħad jilmentaw illi l-taxxa ma kellhiex tigi kalkulata abbażi tal-valuri applikati mir-Reġistratur intimat. Jirriżulta mhux kontestat illi r-Reġistratur ikkalkulata d-dritt relattiv abbażi tad-danni pretiżi mir-rikorrenti tul il-proċeduri u ċioè fuq is-somma globali ta' €179,040 u mhux limitatament fuq dak li talbu l-atturi fir-rikors promotur tagħhom fl-ammont ta' €97,000.

Hu evidenti li t-talba tar-rikorrenti m'għandhiex valur inċert jew indeterminat in kwantu t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur intimat hi intrinsikament marbuta ma' valur li r-rikorrenti pretendew fil-kawża. Il-ġurisprudenza tidher li hi kostanti, fis-sens li l-valur m'hemmx għalfejn jirriżulta mill-att promotur.

Kif proprju ntqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ ta' Gustavo Micallef et vs Eleonora Micallef et, tal-24 ta' Lulju 1946:

> *"Il-kelma "domanda" ma għandhiex biss is-sens limitat tal-pretiża kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, imma anki s-sens, "in subjecta materia", tal-kumpless tal-kontroversja li fuqha għandha tingħata d-deċiżjoni. L-attur jista' jiddetermina l-pretensjoni tiegħu anke bi skritturi oħra fil-proċess, u allura l-kuntrast fuq dik il-pretensjoni jsir il-veru "disputatum" li għandu jitqies il-valur tiegħu għall-finijiet tat-tassazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Avukat Dottor Carmelo Galea vs Silvio Zammit et, tal-15 ta' Lulju 2009, il-Qorti tal-Appell Inferjuri irriteniet:

> *"It-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens tal-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda" ("Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi "meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem "Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951". Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u "Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine", Appell Civili, 17 ta' April, 1978."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Francis Saliba et vs Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex et, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fil-15 ta' April 2009, intqal hekk fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 14 tat-Tariffa E:

> *"Il-fatt li ma tkunx ingħatat sentenza fuq id-dikjarazzjoni ma jbiddel xejn. Il-kelma 'dikjarazzjoni' qiegħda tirreferi għat-talba li tkun saret fir-rikors ġuramentat jew talba rikonvenzjonali. Jidher li t-tassazzjoni tiġi regolata mit-talba. Il-fatt li skont dan il-paragrafu l-valur jista' jkun determinabbli mill-proċess, tirrifletti dak li qabel kienet tipprovdi għaliha l-ġurisprudenza fis-sens "... meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa għandha tiġi fuqu regolata, ċioe għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tagħha. Minn dana jitnissel li l-*

*eżami għandu jirraġġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-quod disputatume est, li jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess." (Carmelo Axiak vs Avukat Dr Giuseppe Vella et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 1951 – Vol. XXXV.ii.361). Fil-każ in eżami, fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konjugi Saliba kienu ddikjaraw, fil-parti ntestata 'Likwidazzjoni tas-Serviġi' li l-ammont li kellu jitħallas bħala serviġi kien fis-somma ta' €301,928. Hekk per eżempju fil-kawża Lawrence Manche vs l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre et deċiża fl-20 ta' Marzu 1989, il-Qorti kkonfermat li l-valur jista' jiġi stabbilit mill-massa litiġjuża u bbażat il-quantum fuq l-ammont tad-danni li ppretenda l-attur fil-mandat ta' sekwestru pendenti l-kawża."*

Finalment, fis-sentenza fl-ismijiet Adelaide Ellul et vs Direttur Generali tal-Qorti et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Marzu 2009, ġie ritenut li:

*"f'dan is-sens hija relevanti s-sentenza fl-ismijiet "Salvino Ellul Bonnici vs Dr. Edgar Buhagiar et" (A.C.– 7 ta' Ottubru 1960) fejn inghad li l-valur tal-kawza tant ghall-finijiet ta' kompetenza kemm ghall-finijiet ta' tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda, u mhux fuq l-interess effettiv, jew interess pekunarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu tal-kawza, ghaliex hawn qed issir riferenza biss ghal dak li huwa l-interess guridiku, li huwa ben differenti mit-talbiet attwalment imposti. Dan huwa iktar relevanti f'dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet "Albert Bezzina Wettinger vs r-Registratur tal-Qorti et" (P.A. (JRM) – 5 ta' Gunju 2003) li kawza tigi intaxxata ad valorem meta jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, tant li inghad li 'fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma wkoll minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti". F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza "Carmelo Axiak vs Dr. Giuseppe Vella nomine et" (Vol. XXXV.ii.361)."*

Ir-rikorrenti jilmentaw li anke fil-proċeduri ta' ritassa 1053/2013 AE, din il-Qorti diversament presjeduta qalet illi '*It-taxxa tar-Reġistratur trid issir fir-rigward tat-talbiet li jkunu saru fir-rikors promotur*.' Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha, qalet illi l-valur korrett li fuqu kellha tinħadem it-taxxa kien ta' €97,000.

Madanakollu, it-taxxa impunjata f'dawk il-proċeduri kienet tirrigwarda s-sentenza in parte ta' din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tagħha Windsor Holdings Limited ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. F'dak l-istadju, kif ammess mir-rikorrent stess, ma kien għad hemm l-ebda prova oħra fl-atti fir-rigward tad-danni li kienu qegħdin jippretendu r-rikorrenti u allura r-Reġistratur bilfors kellu jibbaża d-dritt fuq il-valur ta' €97,000, b'dan illi l-istess intimat kellu raġun ukoll meta imbagħad ħadem it-taxxa tas-sentenza finali fuq il-valur sħiħ ta' €179,040 li rriżultalu mill-proċess komplut.

Finalment, ir-rikorrenti jilmentaw li l-intimati WCO Limited, Windsor Holdings Limited u TPT Limited ma messhomx ġew inklużi fit-taxxa finali. Mill-atti tal-kawża 842/2009 JZM jirriżulta li permezz ta' sentenza in parte tat-30 ta' Settembru 2010, il-Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti kontra Windsor Holdings Limited. Permezz ta' sentenza oħra in parte tal-10 ta' Jannar 2012, il-Qorti illiberat lill-intimati WCO Limited u TPT Limited mill-osservanza tal-ġudizzju.

Jirriżulta mill-atti li r-Reġistratur intimat kien diġà alloka t-taxxa għad-dritt tal-avukat fl-ammont ta' €40 għal kull waħda minn dawn iż-żewġ sentenzi. Huwa veru li forsi kien ikun aktar għaqli li kieku l-intaxxar tad-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali ta' dawn l-intimati sar fuq taxxa separata, imma dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi d-dritt kellu jiġi ntaxxat *ad valorem*, in linea ma dak kollu li ntqal aktar qabel f'din id-deċiżjoni. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ, ladarba fl-istadju li l-Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti kontra Windsor Holdings Limited u lliberat lil WCO Limited u TPT Limited mill-osservanza tal-ġudizzju, il-valur determinabbli mill-atti tal-kawża kien ta' €97,000, ir-Reġistratur għandu jirrevedi t-taxxa sabiex tirrifletti dan il-valur.

Finalment, kif ammess mir-Reġistratur intimat stess, għal dak li għandu x'jaqsam mat-taxxa ta' WCO Limited u TPT Limited, din kellha tinħadem a tenur tal-paragrafu 27 tat-Tariffa E li jaqra hekk:

> *"F'każ ta' sentenza ta' ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju, u jekk is-sentenza tiġi mogħtija fuq eċċezzjonijiet li jolqtu l-meritu prinċipali tal-kawża, jingħata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull każ ieħor jingħata nofs l-imsemmi dritt."*

Għaldaqstant, id-drittijiet tal-avukati u tal-prokuraturi legali tal-partijiet li ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju għandhom jinħadmu mill-ġdid skont il-paragrafu 27 u 40 tat-Tariffa E.

Ir-Reġistratur intimat jeċċepixxi li dan kien biss żball amministrattiv u allura m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dan l-episodju iżda l-Qorti qiegħda tirrespinġi dan dan l-argument in kwantu li minkejja li l-intimat ilu sa minn meta ġew intavolati dawn il-proċeduri li sar jaf b'dan l-iżball, ma jirriżultax illi fil-mori tal-kawża ħa xi passi sabiex jagħmel il-korrezzjoni meħtieġa.

Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti limitatament billi tordna lir-Reġistratur intimat sabiex jikkalkola t-taxxa mill-ġdid kif imfisser f'din is-sentenza.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu kwantu għal tlett kwarti mir-rikorrenti u kwart mir-Reġistratur intimat.

IMHALLEF

DEP/REG